**273. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KIRI TA' ART F'ST. ANDREWS, LIMITI TA' SAN ĠILJAN, LILL-MEDISLE HOLIDAYS COMPANY LIMITED**

Billi l-Gvern tar-Repubbblika ta' Malta biħsiebu jikri lill-Medisle Holidays Company Limited art f'St. Andrews, Limiti ta' San Ġiljan għal skopijiet turistiċi, kif deskritta aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati ;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li art f'St. Andrews limiti ta' San Ġiljan, kif deskritta aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija lill-MedIsle Holidays Company Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess Abbozz.

**18.07.1980**